# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM it-Tlieta, 29 ta' Mejju, 2018**

**Kawża Nru. 34**

**Rik. Nru. 102/15 JRM**

Michael **PSAILA**

vs

**L-AWTORITA` DWAR IL-MEDIĊINA** u l-Avukat Ġenerali

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fl-4 ta' Frar, 2015, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur jitlob li din il-Qorti (a) ssib li l-proċess li wassal għad-deċizjoni meħuda mill-Awtorita` imħarrka li ma tilqax it-talba tiegħu biex jiftaħ spiżerija ġdida sar bil-ksur tal-principji tal-ġustizzja naturali; (b) issib li tali deċiżjoni mhix valida u ma tiswiex; (ċ) tħassar, tirrevoka, tannulla u tikkanċella l-imsemmija deċiżjoni tal-istess Awtorita` imħarrka; (d) tordna l-ħruġ tal-

liċenza għal spiżerija ġdida favur l-attur; u (e) tagħti kull provvediment ieħor xieraq. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tas-16 ta' Frar, 2015[1], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fl-4 ta' Marzu, 2015, li biha l-imħarrkin laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, preliminarjament, jgħidu li l-imħarrek Avukat Ġenerali mhux il-leġittimu kontradittur u għaldaqstant għandu jinħeles milli jibqa' fil-kawża billi d-deċiżjoni li minnha jilmenta l-attur ma tteħditx minnu u ebda waħda mit-talbiet ma tista' tintalab lilu. Fil-mertu, jiċħdu li bl-aġir tagħhom kisru l-jeddijiet tal-attur. Jgħidu li d-deċiżjoni tal-Awtorita` mħarrka hija konformi mal-Att dwar il-Mediċini[2], u li n-nuqqas huwa dak tal-attur billi l-indirizz li hu wera fl-applikazzjoni ma kienx l-istess li ġab permess fuqu mill-Awtorita` responsabbli mill-iżvilupp u l-ippjanar. Jgħidu wkoll li din il-Qorti m'għandha ebda setgħa li tordna l-ħruġ ta' liċenzi;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Marzu, 2015[3], li bih ħatret lill-Avukat Dr Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju;

Rat id-degriet tagħha tas-16 ta' Ottubru, 2015[4], li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija ċaħdet it-talba magħmula mill-attur b'rikors tiegħu tal-1 ta' Ottubru, 2015[5], biex rappreżentant tal-Awtorita` mħarrka jressaq xi dokumenti dipartimentali minnu msemmija;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet quddiem l-Assistent Ġudizzjarju;

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta' Ġunju, 2016[6], li bih tat lill-partijiet żmien sabiex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur fit-22 ta' Awwissu, 2016[7];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin tad-29 ta' Settembru, 2016[8], bi tweġiba għal dik tal-attur;

---

[1] Paġġ. 25 – 6 tal-proċess
[2] Att III tal-2003 (Kap 458)
[3] Paġ. 30 tal-proċess
[4] Paġ. 98 tal-proċess
[5] Paġ. 90 tal-proċess
[6] Paġ. 207 tal-proċess
[7] Paġġ. 208 sa 214 tal-proċess
[8] Paġġ. 215 sa 223 tal-proċess

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkonsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. L-attur jgħid li l-Awtorita` mħarrka (minn issa 'l hemm imsejħa "l-Awtorita`") ċaħdet it-talba li ressaq permezz ta' applikazzjoni sabiex jingħata liċenza biex jiftaħ spiżerija ġdida. Irid li l-Qorti ssib li d-deċiżjoni li ttieħdet ma kinetx waħda tajba u saret bi ksur tal-liġi. Talab li l-Qorti tħassar dik id-deċiżjoni u tordna l-ħruġ tal-liċenza għal spiżerija ġdida f'ismu. Huwa jsejjes l-azzjoni tiegħu fuq tliet ilmenti distinti: (i) li l-Awtorita` mxiet miegħu b'mod arbitrarju billi ċaħdet it-talba tiegħu minkejja li kien għarrafha li l-post li ssemma fl-applikazzjoni oriġinali ma kienx għadu f'idejh u għal żmien twil baqgħet xorta waħda twebblu li l-liċenza setgħet toħroġ; (ii) li l-Awtorita` damet qrib għoxrin (20) sena biex tipproċessa t-talba tiegħu, u li kieku kellmitu qabel kien jara x'jagħmel biex ma jitlaqx minn taħt idejh il-post imsemmi fl-applikazzjoni oriġinali tiegħu; u (iii) li meta l-Awtorita` qieset it-talba tiegħu fuq il-post imsemmi fil-bidu meta dan ma kienx aktar taħt idejh, kienet għamlet kunsiderazzjonijiet irrilevanti biex tara jekk kellhiex jew le tilqa' t-talba tiegħu meta kienet saret taf li dak il-post ma kienx għadu għandu aktar;

Illi l-imħarrkin, min-naħa l-oħra, laqgħu kemm b'eċċezzjonijiet ta' xejra preliminari dwar jekk l-imħarrek Avukat Ġenerali huwiex il-kontradittur leġittimu u jmissux għalhekk jinħeles milli jibqa' aktar fil-kawża, u wkoll dwar jekk il-Qorti għandhiex is-setgħa li toħroġ il-liċenza mitluba meta l-liġi tagħti din is-setgħa lill-Awtorita` biss. Laqgħu ukoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu, billi qalu li kien hemm raġuni tajba għaliex il-ħruġ tal-liċenza ġiet miċħuda, u li ħtija ta' dan taqa' fuq l-attur innifsu wara li ġab permess ta' żvilupp fuq fond ieħor minn dak li l-attur kien semma fl-applikazzjoni oriġinali tiegħu;

Illi bħala <u>fatti rilevanti li joħorġu mill-atti ta' din il-kawża</u> jirriżulta li fit-28 ta' Diċembru, 1995[9], l-attur talab li tinħariġlu liċenza biex jiftaħ spiżerija ġdida fil-post bin-numri sitta u sebgħa (6/7), Triq San Ġużepp, f'Marsaxlokk. L-applikazzjoni tressqet taħt l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu Magħha[10];

---

[9] Dok. "MC" f'paġġ. 172 – 7 tal-proċess

[10] Art. 18 tal-Ord. XVII tal-1901 (Kap 31) (imħassar b'Att XII tal-2003)

Illi mal-applikazzjoni, l-attur hemeż kopja ta' *site plan* tal-lokalita` fejn kien jinsab il-fond. Jirriżulta li l-fond ma kienx tal-attur[11] u, kemm hu hekk, ftit tas-snin wara, sid il-fond biegħu lil ħaddieħor. L-attur jgħid li ma għarrafx b'dan lill-Awtorita`[12];

Illi fiż-żmien li l-attur ressaq it-talba, il-post kien jeħtieġlu jsiru xogħlijiet ta' titjib u ma kienx għad hemm spiżjar biex ikun jista' jmexxi l-ispiżerija f'każ li t-talba tintlaqa';

Illi fl-24 ta' Awissu, 2010[13], id-Direttur tal-Ispettorat bagħat jistaqsi lill-attur jekk kienx għadu interessat fl-applikazzjoni tad-29 ta' Diċembru, 1995, dwar l-ispiżerija li kien talab li jiftaħ fi Triq San Ġużepp, u li, f'każ li jonqos li jwieġeb sa xahar wara, kien jitqies li kien tilef l-interess. L-attur wieġeb b'ittra elettronika tat-23 ta' Settembru, 2010, (lejlet l-għeluq taż-żmien lilu mogħti) biex jgħarraf lill-Awtorita` li kien għadu mħajjar jiftaħ spiżerija[14]. F'Novembru tal-2010[15], l-Awtorita` kitbet lill-attur biex jagħmel dikjarazzjonijiet u jagħti tagħrif dwar l-ispiżerija proposta minnu fi Triq San Ġużepp, Marsaxlokk;

Illi fl-1 ta' Frar, 2011, uffiċjal tal-Awtorita` bagħat jitlob lill-attur biex jibgħatlu xi tagħrif skond ma jridu r-Regolamenti[16]. Jirriżulta li għaddiet korrispondenza b'ittri u *emails* bejn il-perit arkitett maħtur mill-attur w uffiċjali tal-Awtorita`, rigward l-eżitu tal-applikazzjoni li l-attur kellu pendenti mal-Awtorita` kompetenti għall-ħruġ tal-permessi (MEPA)[17]. L-applikazzjoni li l-attur kien ressaq quddiem l-imsemmija Awtorita` f'Marzu tal-2011 kienet fuq il-fond bl-isem ta' "*Dragut Court*" f'numru 11, Triq tas-Silġ, Marsaxlokk, u li l-attur bħala l-applikant kien iddikjara li huwa sid tiegħu[18];

Illi fid-9 ta' April, 2014, il-MEPA ħarġet permess f'isem l-attur "*for change of use from garage to pharmacy with clinics..*"[19] dwar il-fond fi Triq tas-Silġ. Kopja ta' dan il-permess intbagħtet lill-Awtorita`;

Illi fil-5 ta' Awwissu, 2014[20], l-Awtorita`, permezz tas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, għarrfet lill-attur li l-applikazzjoni tiegħu tad-29 ta' Diċembru, 1995, ġiet miċħuda billi l-permess ta' żvilupp awtorizzat li kien ressaq quddiem l-

[11] Xhieda tal-attur fil-kontro-eżami f'paġ. 187 tal-proċess
[12] *Ibid.* f'paġ. 189 tal-proċess
[13] Dok f'paġ. 38 tal-proċess
[14] Dok. "MC1" f'paġ. 179 tal-proċess
[15] Dok "MCX", f'paġġ. 161 – 2 tal-proċess
[16] Dok. "WD" f'paġ. 39 tal-proċess
[17] Dok. "WD" f'paġġ. 40 sa 57 tal-proċess
[18] Dok. "OM" f'paġġ. 124 – 5 tal-proċess
[19] Dok. "B" f'paġġ. 20 – 4 tal-proċess
[20] Dok. "Ċ" f'paġ. 9 tal-proċess

Awtorita` ma kienx dwar il-post li dwaru kienet oriġinarjament tressqet l-applikazzjoni msemmija, imma dwar post ieħor;

Illi l-attur jgħid li dik id-deċiżjoni kienet tmur kontra dak li rappreżentanti tal-Awtorita` kienu tawh x'jifhem matul iż-żmien kollu li kienet miexja l-applikazzjoni;

Illi fit-23 ta' Diċembru, 2014, l-attur bagħat ittra uffiċjali lill-Awtorita` fejn għarrafha li ma jaqbilx mad-deċiżjoni li ħadet, liema deċizjoni kienet arbitrarja u saret b'abbuż ta' poter[21];

Illi fl-4 ta' Frar, 2015, infetħet din il-kawża;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tagħmel il-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-każ. Dawn il-konsiderazzjonijiet iridu jsiru fil-parametri dikjarati ta' azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju u jridu jieħdu wkoll qies tat-talbiet attriċi u safejn talbiet bħal dawn jistgħu jintlaqgħu kif magħmula;

Illi, qabel kull ħaġa oħra, il-Qorti l-ewwel sejra tqis l-**ewwel eċċezzjoni preliminari** mressqa mill-imħarrkin, jiġifieri dik li tgħid li l-Avukat Ġenerali mhuwiex il-leġittimu kontradittur billi ma kellu x'jaqsam fl-ebda waqt mad-deċiżjoni meħuda mill-Awtorita`, kif ukoll li ebda waħda mit-talbiet ma tressqu fil-konfront tiegħu;

Illi l-imħarrkin ressqu sottomissjonijiet biex isostnu din l-eċċezzjoni[22] u jgħidu li din il-kwestjoni kienet mistħarrġa wkoll f'deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna li jgħidu għaliex l-Avukat Ġenerali ma messux kien imħarrek f'kawża bħal din[23];

Illi, min-naħa tiegħu, l-attur ma ressaq l-ebda sottomissjoni dwar l-imsemmija eċċezzjoni jew għalfejn kien minnu jew meħtieġ li jħarrek ukoll lill-Avukat Ġenerali f'din il-kawża;

Illi l-Qorti sejra tilqa' din l-eċċezzjoni bla ebda eżitazzjoni billi ż-żewġ difiżi mressqa mill-imħarrkin jirriżultaw minnhom. Fir-rigward ta' l-ewwel difiża, id-Direttur tal-Ispettorat ikkonferma li l-Avukat Ġenerali ma ġiex konsultat bil-ħruġ ta' din il-liċenzja[24]. It-tieni difiża toħroġ mill-qari ta' l-atti nfushom, billi mkien ma ħareġ li l-Avukat Ġenerali kien b'xi mod indaħal f'din il-kwestjoni.

[21] Ara affidavit tal-attur f'paġ. 36 tal-proċess
[22] Ara n-Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġġ. 217 – 8 tal-proċess
[23] Ara P.A. AF **23.2.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Spiteri et vs Diretur Ġenerali tad-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika et*** (*in parte*) (konfermata dwar dan il-punt mill-Qorti tal-Appell Ċivili fis-**26.1.2018**)
[24] Ara x-xhieda ta' Mark Ċilia f'paġ. 195 tal-proċess

L-attur lanqas kien interpellah bl-ittra uffiċjali li bagħat f'Diċembru tal-2014, qabel ma fetaħ din il-kawża u lanqas kien sejjaħlu bħala intimat fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni li ressaq tliet xhur wara li kien fetaħ din il-kawża;

Illi dawn is-sejbiet kollha jwasslu lill-Qorti għall-fehma li filwaqt li l-ilmenti tal-attur huma indirizzati lejn l-Awtorita`, l-Avukat Ġenerali jingħaraf minnu, u għaldaqstant l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrkin li l-Avukat Ġenerali mhux il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi hija tajba u sejra tintlaqa';

Illi **għal dak li jirrigwarda t-talbiet attriċi u l-eċċezzjonijiet fil-mertu dwarhom**, il-Qorti tibda biex tqis id-disa' u l-aħħar eċċezzjoni imressqa mill-imħarrkin, li trid li l-Qorti m'għandhiex setgħa biex, f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju, tordna hi l-ħruġ ta' liċenza favur l-attur. Din l-eċċezzjoni trid titqies fil-qafas tar-**raba' talba attriċi** li trid li l-Qorti tordna l-ħruġ tal-liċenza ta' spiżerija favur l-attur;

Illi f'dan ir-rigward, din il-Qorti tagħraf safejn huma s-setgħat tagħha li tistħarreġ għemil amministrattiv u x'inhuma r-rimedji li tagħti jew tordna jekk issib xi nuqqas. Hija tagħmel tagħha l-fehma tal-Qorti tal-Appell Ċivili li f'sentenza li wkoll kellha x'taqsam ma' ħruġ liċenza ta' spiżerija (każ ta' rilokazzjoni), seħqet li *"f'każ li l-qrati ordinarji jiġu mitluba jistħarrġu għemil amministrattiv, il-kompetenza tagħhom hi limitata biex tordna li titthieħed deċiżjoni jew biex tħassar dik l-istess deċiżjoni, pero` ma jaslu qatt biex huma stess jieħdu d-deċiżjoni minflok l-awtorita` kompetenti. Jekk liġi tvesti diskrezzjoni f'xi awtorita`, hija dik l-awtorita` li trid tuża dik id-diskrezzjoni u tieħu d-deċiżjoni; jekk id-deċiżjoni li tittiehed tiġi mħassra, il-kwistjoni tiġi rimessa mill-ġdid lill-awtorita` biex dik tieħu d-deċiżjoni tagħha kif suppost u fit-terminu tal-kunsiderazzjonijiet kollha rilevanti. Jekk l-awtorita` ma tiħux deċiżjoni, tista' tiġi mġiegħla tagħmel dan, u jista' jiġi indikat lilha li r-raġunijiet għaliex kienet qed tittituba milli tieħu deċiżjoni ma kinux relevanti; pero`, finalment, hija dik l-awtorita` li trid tieħu d-deċiżjoni mhux il-Qorti. Hekk fil-kawża '**Grech v. Ministru tax-Xogħlijiet et**' deċiża minn din il-Qorti (diversament komposta) fid-29 ta' Jannar 1996 intqal illi: "... il-Qrati, fil-funzjoni tagħhom ta' judicial review tal-operat tal-Eżekuttiv, għandhom iva d-dritt li jiddeċiedu li att partikolari tal-Eżekuttiv ikun null u bla effett, iżda m'għandhom qatt id-dritt li jissostitwixxu d-diskrezzjoni riżervata lill-Eżekuttiv b'dik tagħhom." Hekk ukoll fil-każ aktar riċenti '**Borda v. Ellul Micallef**' deċiża minn din il-Qorti fid-29 ta' Mejju, 2009, ġie osservat li, filwaqt li dawn il-qrati jistgħu jissindikaw l-operat ta' kwalsiasi tribunal amministrattiv jew organu ieħor b'poteri ġudizzjarji jew kważi-ġudizzjarji, u li l-awtorita` li hija mogħnija b'diskrezzjoni tista' tiġi ordnata teżerċita dik id-diskrezzjoni f'każ li*

*tkun naqset li tagħmel dan, l-istess awtorita` ma tistax tiġi dettata x'għandha tiddeċiedi jew li twettaqha b'xi mod partikolari*"[25];

Illi din il-kunsiderazzjoni twassal biex il-Qorti ssib li d-disa' eċċezzjoni tal-imħarrkin hija mistħoqqa u għaldaqstant sejra tintlaqa' safejn tirreferi għar-raba' talba attriċi;

Illi issa l-Qorti tgħaddi biex tqis is-siwi tat-talbiet attriċi l-oħrajn u tal-eċċezzjonijiet fil-mertu dwarhom. Il-kwestjoni ewlenija li l-Qorti għandha quddiemha hija jekk liċenza ta' spiżerija hijiex marbuta mal-persuna li f'isimha tkun saret l-applikazzjoni, jew inkella hijiex marbuta mal-post li jidher fuq l-istess applikazzjoni. Kemm-il darba t-tweġiba hija tal-ewwel, ma hemm xejn x'iżomm lill-applikant li jiġġestixxi n-negozju tiegħu minn lok lil hinn minn dak li jkun għarraf bih lill-Awtorita` fl-applikazzjoni tiegħu. Jekk, min-naħa l-oħra, jintlaqa' l-argument li liċenza ta' spiżerija hija marbuta mal-post li jidher fuq l-applikazzjoni, dan jorbot idejn l-attur li jista' jinnegozja biss minn dak il-post li jkun għarraf l-Awtorita` bih fuq l-applikazzjoni u ma jistax "jimxi" bih għal xi post ieħor jekk mhux bil-permess tal-istess Awtorita`;

Illi ċ-ċirkostanzi fattwali ta' dan il-każ jikkomplikaw irwieħhom bil-fatt li l-attur, filwaqt li naqas li jgħarraf lill-Awtorita` li ma baqax iżomm il-post li fuqu kien ressaq l-applikazzjoni tiegħu għal-liċenza l-ġdida tal-ispiżerija, talab u kiseb permess għal żvilupp jew użu ta' post bħala spiżerija fuq post ieħor minn fejn kien maħsub li huwa jmexxi l-ispizerija li tagħha talab il-ħruġ tal-liċenza;

Illi ħareġ ukoll li, minn mindu l-attur kien ressaq l-applikazzjoni tiegħu sa ma l-Awtorita` bagħtet tistaqsih jekk kienx għadu mħajjar għall-ksib tal-liċenza, kienu għaddew qrib ħmistax-il (15) sena. Sadattant, l-attur kien telaq il-post li fuqu kien ressaq l-applikazzjoni (dak iż-żmien mad-Dipartiment tas-Saħħa); kienet inbidlet il-liġi (fl-2003, bil-ħruġ tal-Att dwar il-Mediċini[26]) li taħtha nħarġu Regolamenti ġodda dwar l-ispiżeriji[27]; il-fatt li l-attur baqa' jittama fl-applikazzjoni oriġinali u ma ressaqx applikazzjoni oħra, lanqas meta kiseb il-fond fi Triq tas-Silġ; u l-fatt li l-ipproċessar ta' talbiet għall-ħruġ u għoti ta' liċenzi għal ftuħ ta' spiżeriji beda jsir mill-Awtorita` u ma baqax isir aktar mid-Dipartiment tas-Saħħa;

Illi fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ, il-Qorti hija tal-fehma illi dak li għandha tistrieħ fuqu mhuwiex daqstant dak li seta' ngħad mill-attur lill-uffiċjali tal-

[25] App. Ċiv. **11.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Reginald Fava pro et noe vs. Suprintendent tas-Saħħa Pubblika noe et***
[26] Att III tal-2003 (Kap 458)
[27] A.L. 279 tal-2007 (L.S. 458.16)

Awtorita`, magħduda l-korrispondenza li għaddiet bejniethom jew permezz tal-perit tal-attur, iżda dak li titlob il-liġi sabiex l-Awtorita` setgħet tipproċessa u tara jekk kellhiex tilqa' applikazzjoni u toħroġ liċenza. Il-Qorti timxi fuq dan il-kejl, għaliex l-azzjoni li għandha quddiemha hija sewwasew waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju. Fid-dawl tat-tliet kawżali li fuqhom l-attur isejjes l-azzjoni tiegħu, il-Qorti trid tara jekk huwiex minnu li l-Awtorita` pubblika tkunx imxiet mal-liġi fit-twettiq tal-għemil amministrattiv mistħarreġ. F'dan il-każ, il-Qorti trid tara kienx minnu li l-Awtorita` marret lil hinn mis-setgħat tagħha jew jekk naqsitx milli timxi kif messha f'dak it-twettiq;

Illi l-liġi li tirregola l-ħruġ jew għoti ta' liċenza ta' spiżerija hija l-Att dwar il-Mediċini, li taħt id-disposizzjoni tal-artikolu 68 tagħha tgħid li qabel ma l-Awtorita` tiddeċiedi dwar applikazzjoni, għandha "*tispezzjona l-fond indikat fl-applikazzjoni u m'għandhiex toħroġ liċenza sakemm ma tkunx sodisfatta li dak il-fond ikun adatt u adegwat...*"[28]. Mil-Leġislazzjoni Sussidjarja taħt l-istess Att, jirriżulta li detentur ta' liċenza (wara li jkollu l-awtorizżazzjoni meħtieġa mill-Awtorita`) jista' jagħmel rilokazzjoni ta' spiżerija għal xi fond ieħor xieraq fl-istess belt jew raħal, suġġett għal xi restrizzjonijiet[29];

Illi fil-fehma tal-Qorti tal-Appell Ċivili, għal darb'oħra f'sentenza li wkoll kellha x'taqsam ma' tmexxija ta' spiżerija, "i*n-negozju għandu jibqa' ġenerat mill-fond liċenzjat*", u dan lil hinn minn kull titolu li l-ispiżerija jista' jkollha fuq il-post[30];

Illi dan iwassal lill-Qorti għall-fehma li liċenza ta' spiżerija hija fil-fatt marbuta mal-fond jew post liċenzjat, jiġifieri il-fond indikat fl-applikazzjoni;

Illi l-Qorti tifhem ukoll li l-eżercizzju għall-ħruġ ta' liċenza jimplika diskrezzjoni, dan ifisser li t-twettiq ta' dik id-diskrezzjoni, għall-finijiet ta' stħarriġ ġudizzjarju, tippermetti li l-persuna mogħnija b'dik is-setgħa diskrezzjonali (f'dan il-każ, l-Awtorita`) ma tkunx marbuta mal-elementi oġġettivi għall-formazzjoni tal-ħsieb tagħha. Dik id-diskrezzjoni trid titwettaq fil-parametri tal-liġi li tawtorizżaha, b'mod raġonevoli, b'ekwita` u ħaqq[31], u mingħajr abbuż ta' dik l-istess diskrezzjoni[32];

Illi biex ikun assikurat li din id-diskrezzjoni tkun imwettqa kif imiss, jeħtieġ li lill-Qorti jirriżultalha li dik l-awtorita` tassew qieset il-kwestjoni li kellha

[28] Art. 68(1) tal-Kap. 458
[29] Reg. 5(4) A.L. 279/07 (L.S. 458.16). Restrizzjonijiet jinstabu taħt regolament 6 tal-istess Regolamenti
[30] App. Ċiv. **27.03.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Mario Debono et vs Tabib Prinċipali tal-Gvern et***
[31] App. Ċiv. **21.4.1961** fil-kawża fl-ismijiet ***Masini noe vs Podesta' noe*** (Kollez. Vol: **XLV.i.110**)
[32] App. Inf. PS **26.3.3010** fil-kawża fl-ismijiet ***Peter J. Azzopardi et noe vs Awtorita' ghas-Servizzi Finanzjarji***

quddiemha, u li dan għamlitu mingħajr l-indħil tal-ebda ħaddieħor jew bla ma poġġiet lilha nnifisha f'qagħda fejn ma setgħetx jew irrifjutat li twettaq dik id-diskrezzjoni[33]. Siewi wkoll li jiġi aċċertat li l-awtorita` mistħarrġa m'għamlitx dak li kienet espressament miżmuma milli tagħmel, jew jekk għamlitx xi ħaġa li ma kinitx awtorizzata tagħmel. Fuq kollox, l-awtorita` mistħarrġa trid tkun imxiet bona fide u qieset il-konsiderazzjonijiet rilevanti tal-każ;

Illi mix-xhieda mressqa mill-Awtorita` imħarrka, il-Qorti ma jirriżultalhiex li l-Awtorita` mxiet b'mod arbitrarju. Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha, l-Awtorita` tirreferi għax-xhieda mogħtija mid-Direttur tal-Ispettorat minn fejn jirriżultaw l-evalwazzjoni li l-Awtorita` għamlet, u kif ukoll il-kejl jew kriterji li mxiet bihom meta qieset l-applikazzjoni tal-attur[34]. Min-naħa l-oħra, il-Qorti ma tistax tiskarta l-fatt li l-attur naqas li jgħarraf lill-Awtorita` li l-fond li kien semma fl-applikazzjoni, ma kienx għadu disponibbli għalih;

Illi dwar il-kawżali tal-attur li biha jilminta li l-Awtorita` ħadet mal-ħmistax-il sena biex tipproċessa t-talba tiegħu, il-Qorti ma jidhrilhiex li dan l-ilment huwa mistħoqq. Meta l-attur ressaq it-talba biex jingħata l-liċenza għall-ftuħ ta' spiżerija ġdida, ma kienx mistenni li din tkun proċessata minnufih, għaliex is-sistema fil-liġi, min iressaq applikazzjoni għall-ftuħ ta' spiżerija kien irid jistenna li jinħalaq "post battal" u mbagħad titmexxa l-applikazzjoni ta' min kien imissu. Fiż-żmien li l-attur tefa' l-applikazzjoni, ħareġ mill-provi li kien hemm minn tal-anqas żewġ applikazzjonijiet oħra li kienu ntefgħu qabel tiegħu. Minbarra dan, għal bosta snin, kien hemm "*freeze*" amministrattiv dwar l-ipproċessar ta' talbiet ġodda għall-ftuħ ta' spiżeriji, liema qagħda damet xhur kbar, sakemm tfasslet il-liġi l-ġdida u sakemm inħarġu r-Regolamenti li llum jirregolaw it-tmexxija ta' applikazzjonijiet ġodda;

Illi l-Awtorita` għamlitha ċara li, qabel l-2007, ma kinitx ħadet f'idejha l-applikazzjonijiet li kienu saru għall-ftuħ ta' spiżeriji f'Malta u Għawdex, u li dan il-proċess tnieda bl-eżami tal-applikazzjonijiet pendenti skond l-ordni li fih kienu tressqu u bla ma qabżet lil ħadd. Tajjeb jew ħażin, din iċ-ċirkostanza tagħti lil-Qorti r-raġuni għaliex l-attur ma jistax jitfa' fuq l-Awtorita` x-xilja ta' tnikkir fl-ipproċessar tat-talba tiegħu (ladarba għal biċċa l-kbira taż-żmien hija ma kinitx għadha inkarigata minn dak il-proċess). Tagħti lill-Qorti raġuni oħra biex tfisser kif l-Awtorita` irrispettat l-ordni li fih tressqu l-applikazzjonijiet (li kienu għadhom pendenti) minflok ma ħassret kollox u bdiet lil kulħadd mill-ġdid, kif setgħet tagħmel ladarba kienet inbidlet il-liġi;

[33] App. Ċiv. **20.5.1982** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr E Fenech Adami et vs Prof. John J. Cremona pro et noe*** (mhix pubblikata)
[34] Ara x-xhieda ta' Mark Ċilia f'paġġ. 194 – 7 tal-proċess

Illi għal dak li jirrigwarda l-kawżali attriċi li l-Awtorita` mħarrka mxiet b'mod abbużiv jew billi żgwidat lill-attur, il-Qorti temmen li dan kollu seħħ għaliex l-attur naqas li jiċċara li l-post li dwaru kien ressaq l-applikazzjoni tiegħu ma kienx għadu aktar f'idejh. Huwa jgħid li wara l-2010 kien imħeġġeġ minn rappreżentanti tal-Awtorita` biex iħaffef iġib il-permess tal-Awtorita` tal-Ippjanar biex il-post ikun jista' jintuża bħala spiżerija u jgħid ukoll li saħansitra tawwlulu ż-żmien biex jista' jikseb tali permess. Huwa jqis li dan kien ifisser li l-istess Awtorita` kienet torbot l-applikazzjoni tiegħu biex jiftaħ spiżerija mal-ksib tal-permess mill-Awtorita` tal-Ippjanar. Għalhekk, jilminta b'qawwa kontra l-fatt li, fiċ-ċaħda tat-talba tiegħu, l-Awtorita` bagħtet tgħidlu li ma kinitx tista' tkompli tmexxi l-applikazzjoni tiegħu ladarba ma ġabx il-permess ta' żvilupp fuq il-post li dwaru kien applika fl-1995. Huwa jgħid li l-liġi[35] ma titlob imkien li talba għall-għoti ta' liċenza biex wieħed jiftaħ spiżerija trid ikollha l-permess tal-Awtorita` tal-Ippjanar;

Illi għalkemm huwa minnu li l-liġi li taħtha l-Awtorita` twettaq is-setgħat u l-funzjonijiet tagħha ma titlobx b'mod espliċitu (l-imħarrkin jgħidu li dan titolbu b'mod impliċitu fl-artikolu 67(e) tal-Kap 458) li applikazzjoni biex tinfetaħ spiżerija trid tkun approvata mill-Awtorita` tal-Ippjanar, tfisser tajjeb minn xhud imressaq minnha[36] li l-ebda post ma jista' jintuża bħala spiżerija jekk kemm-il darba ma jkollux permess għal dak il-għan mill-imsemmija Awtorita` tal-Ippjanar. L-insistenza tal-Awtorita` mal-attur (u ma' kull min, bħalu, jressaq applikazzjoni biex post jintuża bħala spiżerija) biex jikseb permess bħal dak bħala kundizzjoni biex l-applikazzjoni tista' tibqa' titmexxa ġejja mill-fatt li l-Awtorita` mħarrka ma tkunx trid toqgħod twettaq għalxejn proċess ta' aċċertamenti u twebbel applikant għal xejn jekk ma jkunx hemm diġa' l-permessi meħtieġa mill-Awtorita` tal-Ippjanar fuq il-post li jkun imsemmi fl-applikazzjoni. Għalhekk, il-Qorti ma tarax li l-Awtorita` kienet irraġonevoli jew imxiet fuq kunsiderazzjonijiet irrilevanti meta waqqfet l-ipproċessar tat-talba magħmula mill-attur, ladarba sa dakinhar li ttieħdet id-deċiżjoni attakkata ma kien inħareġ l-ebda permess fuq il-post imsemmi fl-applikazzjoni waħdanija li huwa kien ressaq. Għall-kuntrarju, il-Qorti tqis li kienet tkun irraġonevoli l-Awtorita` li kieku mexxiet 'il quddiem l-applikazzjoni tal-attur bis-saħħa ta' permess ta' żvilupp fuq post li ma jissemma mkien fl-applikazzjoni tiegħu;

Illi dwar il-kawżali li l-attur kien għarraf lill-Awtorita` li huwa kien imħajjar jingħata liċenza għall-ftuħ ta' spiżerija imma minn post ieħor, il-Qorti ma għandhiex wisq x'iżżid. Meta fliet sewwa l-korrispondenza mibgħuta bejn l-attur (jew il-perit tiegħu) u l-Awtorita` wara l-2010, ma ħarġet qatt ċara t-tagħrif

[35] Jirreferi għall-Kap 458
[36] Xhieda ta' Mark Ċilia, f'paġ. 196 tal-proċess

li l-attur kien issa qiegħed jitkellem dwar post differenti minn dak li kien semma fl-1995. Lanqas l-attur innifsu ma kien kategoriku meta ntalab jixhed f'dan ir-rigward fil-kontro-eżami tiegħu[37]. Il-ħaġa jidher li fetħet għajnejn ir-rappreżentanti tal-Awtorita` wara April tal-2014, meta ħareġ ċar li l-permess maħruġ mill-Awtorita` tal-Ippjanar kien jitkellem fuq post li ma kienx imsemmi fl-applikazzjoni. Fit-tieni lok, li kieku l-attur kien għarraf lill-Awtorita` bl-iswed fuq l-abjad li x-xewqa tiegħu li jikseb liċenza kienet issa daret fuq post ieħor, l-Awtorita` xorta waħda ma kenitx tkun tista' tibqa' tmexxi l-applikazzjoni oriġinali tiegħu u li r-rimedju waħdien kien li l-attur iressaq talba ġdida li ssemmi l-post il-ġdid li minnu ried iħaddem l-ispiżerija[38]. Il-wegħda li l-attur jgħid li saritlu minn Louis Cutajar li seta' jibdel il-post mnejn imexxi l-ispiżerija kienet tiddependi l-ewwel mill-ħruġ tal-liċenzja fuq il-post li dwaru tressqet l-applikazzjoni[39] u l-Qorti ma jidhrilhiex li s-sottomissjoni tal-attur[40] li seta' f'kull waqt bidel l-indirizz tal-post imsemmi fl-applikazzjoni sakemm din kienet għadha pendenti hija sottomissjoni li l-liġi tilqagħha[41];

Illi, minbarra dan kollu, li kieku l-argumenti tal-attur kellhom mis-sewwa u l-permessi tal-Awtorita` tal-Ippjanar ma kinux ħtieġa mandatorja biex setgħet tintlaqa' t-talba tiegħu biex jingħata liċenza għall-ftuħ ta' spiżerija fuq il-post imsemmi fl-applikazzjoni, dan xorta ma kien ikun tal-ebda fejda għall-attur ladarba, minn dak li xehed huwa nnifsu, kien ilu s-snin li telaq dak il-post minn idejh;

Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti ma ssibx li l-attur seħħlu juri li kienet l-Awtorita` li mxiet bi ksur tal-liġi u għalhekk mhijiex ser tilqa' l-ewwel talba attriċi billi mhix mistħoqqa;

Illi ladarba l-Qorti waslet għal din il-fehma, ma jifdal l-ebda skop li tqis ukoll it-talbiet attriċi l-oħrajn (lil hinn minn dak li diġa` ngħad dwar ir-raba' talba attriċi), u dan għaliex it-talbiet attriċi l-oħrajn huma konsegwenzjali għall-ewwel waħda;

Illi minħabba f'hekk, lanqas it-talbiet attriċi l-oħrajn ma huma se jintlaqgħu;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

---

[37] Xhieda tiegħu fil-kontro-eżami f'paġ. 187 tal-proċess
[38] Xhieda ta' Mark Ċilia f'paġġ. 195 – 6 tal-proċess
[39] Reg 5(4) u 6 tal-A.L. 279 tal-2007 (L.S. 458.16)
[40] Ara n-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu f'paġġ. 211 – 2 tal-proċess
[41] Ara art. 68(2) tal-Kap 458

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrkin** billi ssib li l-Avukat Ġenerali mhux il-leġittimu kontradittur u teħilsu milli jibqa' fil-kawża;

**Tilqa' id-disa' eċċezzjoni tal-imħarrkin** billi ssib li l-Qorti m'għandhiex is-setgħa tordna l-ħruġ ta' liċenzi għal spiżerija u b'hekk **tiċħad ir-raba' talba attriċi**;

**Tiċħad it-talbiet attriċi** l-oħrajn għaliex mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, billi ma ntweriex li l-Awtorita` mħarrka mxiet bi ksur tal-liġi fiċ-ċaħda tat-talba magħmula mill-attur għall-ħruġ ta' liċenza ġdida għal ftuħ ta' spiżerija; u

**Tordna** lill-attur iħallas **l-ispejjeż tal-kawża**.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.**
**Imħallef**

**29 ta' Mejju, 2018**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**29 ta' Mejju, 2018**